**Bord Li Jirregola l-Kera**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Maria Lourdes Vella (ID 286523M)**

**Vs**

**Younis Masih (ID 424116L)**

**Rik Nru: 42/17**

**Illum 27 ta' Mejju 2019**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. Illi hija kienet tikri lill-intimat ghal skopijiet residenzjali l-appartament numru 1, 374 'Maryville Flats', Triq Haz-Zabbar, Fgura.

2. Peress illi l-partijiet xoljew il-kirja li temmet fil-31 ta' Dicembru 2016.

3. Peress illi sussegwentement ghall-ftehim l-intimat unilateralment ippretenda li ghandu dritt ikompli bil-lokazzjoni izda din it-talba ma gietx milqugha mill-esponenti.

4. Illi l-intimat hareg mill-fond lejn l-ahhar tas-sena 2016 u siefer, izda meta gie lura f'Marzu 2017, huwa, jew persuni minnu nkarigati, sgassa l-fond u rega' okkupah u qed jippretendi li ghandu d-drittijiet lokatizji fir-rigward tal-istess fond.

5. Illi fil-fatt l-kirja intemmet u l-intimat m'ghandux dritt li jokkupa l-fond b'titolu ta' lokazzjoni.

6. Illi l-esponenti tiddikjara illi safejn taf hi l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti ghat-talbiet tal-esponenti u anness ma' dan ir-rikors qed tigi prezentata dikjarazzjoni guramentata li fiha l-fatti li jirrigwardaw it-talba.

7. Illi l-intimat ghandu jidher quddiem il-Bord fil-gurnata u l-hin li jigu lilu avzati.

8. Illi dan ir-rikors qed isir permezz ta' procedura sommarja specjali f'liema procedure s-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra tal-kawza jekk l-intimat ikun kontumacji f'dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa u li jistgha jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Bord joghgbu:

i. Jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Jikkonferma illi l-intimat m'ghandux dritt li jokkupa l-fond inkwistjoni stante li l-kirja giet xolta bi ftehim bejn iz-zewg partijiet; u konsegwentement

iii. Jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilu prefiss.

Bl-ispejjez kontra l-intmat u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri lilha spettanti skont il-ligi, liema intimat huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2017 l-intimat inghata d-dritt jipprezenta risposta.

Ra li l-intimat fir-risposta tieghu eccepixxa:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

   L-eccipjenti igawdi minn kirja antika liema kirja bdiet f'Gunju tas-sena 1993. L-iskrittura li a bazi taghha l-attrici qed tippretendi li l-kirja hija llum mitmuma hija nulla u bla effett skont il-ligi.

2. F'kull kaz, l-attrici ghandha taghti prova shiha li hija s-sid tal-fond inkwistjoni u l-eccipjent qed jirriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri skont dak li ser jirrizulta.

3. Fil-mertu, l-eccipjent jirrespingi bhala infondati l-allegazzjonijiet kollha kif dedotti mill-attrici bil-gurament taghha fir-rikors guramentat u d-dikjarazzjoni mahlufa tat-30 ta' Marzu 2017. L-eccipjent qed jirrizerva minn issa kwalsijasi dritt ta' azzjoni spettanti lilu skont il-ligi fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet guramentati maghmula mill-attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lill-eccipjent skont il-ligi.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghda tittenta tizgombra lill-intimat mill-appartament numru 1, 374 'Maryville Flats', fi Triq Haz-Zabbar, Fgura abbazi ta' skrittura datata 28 ta' Settembru 2016 li hija ffirmata miz-zewg partijiet fil-kawza odjerna.

Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

❖ Il-fond in kwistjoni huwa dekontrollat, skond certifikat mahrug mill-Land Valuation Office fit-18 ta' Dicembru 1974, ghaliex jissodisfa r-

rekwiziti tal-**art. 3(b)** tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158)[1]. Ghalkemm fit-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat isostni li r-rikorrenti kellha taghti prova li hija sid il-fond, il-Bord jidhirlu li dan gie pruvat mhux biss bid-dokumenti ezebiti u bix-xhieda prodotti izda mill-fatt innifsu li l-istess intimat kien ihallas il-kera lill-istess rikorrenti.

- L-intimat sar cittadin Malti fid-29 ta' Lulju 2016 u dan kif jirrizulta minn dokument ezebit[2] li huwa vera kopja tal-origina tac-certifikat tac-Cittadinanza Maltija.
- Ir-rikorrenti li huwa ta' origini Pakistana gie Malta fis-sena 1990 u billi meta kien ighix fil-Pakistan kien jahdem mas-Sorijiet tal-Karita', meta gie Malta diversi drabi ghenuh isib residenza[3].
- Filfatt hekk gara fis-sena 1993. Ir-rikorrenti giet avvicinata minn xi hadd mill-Knisja tal-Fgura sabiex l-intimat jikri post minghandha[4].
- Fil-31 ta' Mejju 1993 giet iffirmata skrittura li permezz taghha Mary Vella kriet il-fond mertu tal-proceduri odjerni lill-intimat ghall-perjodu ta' sitt xhur di fermo izda ma giex indikat il-perjodu *di rispetto*. Il-kera kellha tithallas kull xahar bil-quddiem.
- Jirrizulta li l-intimat baqa' jghix f'dan il-fond u ghadu jghix fih sallum.
- Ma jirrizultax u lanqas gie allegat li l-intimat b'xi mod kiser xi kundizzjoni imposta fl-iskrittura ta' lokazzjoni.
- Ghall-habta ta' Marzu 2016, Maria Rosaria Mallia (bint ir-rikorrenti) tat lill-intimat sitt xhur zmien sabiex johrog mill-proprjeta' ossija sa Settembru 2016. Huwa accetta u qalilha li kien se jipprova jsib proprjeta' ohra ghall-kiri[5].
- Maria Rosaria Mallia xehdet li l-proprjeta' inkwistjoni jriduha lura billi din hija parti minn blokka shiha ta' appartamenti u l-ahwa flimkien mal-omm iddecidew li jixtiequ jbieghu l-blokka shiha.
- L-intimat dak iz-zmien kien qieghed ihallas €100 kera fix-xahar.
- L-intimat jixhed li huwa pprova jsib post alternattiv izda l-ammont ta' kera li beda jintalab huwa ma kienx f'posizzjoni li jhallsu u dan

[1] Dok WV3 a fol 50 tal-process
[2] A fol 76 tal-process
[3] Xhieda intimat fis-seduta tal-24 ta' April 2018
[4] Xhieda ta' William Vella, iben ir-rikorrenti, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017
[5] Xhieda tal-15 ta' Dicembru 2017; u kkoroborata mill-intimat stess fix-xhieda tieghu.

partikolarment ghaliex minhabba ragunijiet ta' sahha ta' natura serja huwa kellu jieqaf mix-xoghol.

- ❖ Ghalhekk hemm qbil fil-versjoni tal-partijiet li f'Settembru 2016, l-intimat mar l-ufficcju fejn jahdmu wlied ir-rikorrenti u talabhom jestendulu z-zmien biex minflok f'Settembru jibqa' sal-ahhar tas-sena.
- ❖ Bejn Marzu u Settembru 2016, l-intimat baqa' jhallas il-kera lir-rikorrenti mensilment.
- ❖ Fit-28 ta' Settembru 2016 l-intimat iffirma s-segwenti dokument[6]:

*Dear Younis,*

*We refer to our letter, in which we had requested you to vacate the above premises by the end of September 2016.*

*It has been mutually agreed that you shall remain in the premises until December 2016.*

*After the end December 2016, we will not extend the rent further.*

- ❖ Permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru 2016, intbaghtet ittra legali, minghajr pregudizzju, mill-intimat li permezz taghha r-rikorrenti giet avzata li dak li kien intalab jiffirma fit-28 ta' Settembru 2016 ma kienx jiswa u huwa null skont l-artikolu 15 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

- ❖ Permezz ta' ittra ohra li ggib l-istess data tat-30 ta' Settembru 2016, intbaghtet ittra legali, minghajr pregudizzju, mill-intimat li permezz taghha r-rikorrenti giet avzata li dak li kien intalab jiffirma fit-28 ta' Settembru 2016 ma kienx jiswa u huwa null skont l-artikolu 14 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant ir-rikorrenti giet avzata li l-intimat kien se jibqa' jokkupa r-residenza tieghu skont il-ligi ghal hajtu kollha. Giet avzata wkoll li jekk ma kinitx se taccetta l-kera huwa kien se jiddepozita l-istess kera l-Qorti. Intalbet li tibda tikkomunika direttament mal-avukat tal-intimat.

- ❖ Jirrizulta li l-intimat siefer fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2017 u gie lura Malta fl-14 ta' Marzu 2017. Fil-frattemp ic-cavetta halliha mas-siehba

---

[6] Dok WV2 a fol 49 tal-process

tieghu, Rita Compagno. Ghalkemm ir-rikorrenti sostnew li huma hasbu li kien telaq tant li kien mar l-ufficcju u ftehmu dwar il-meter tar-readings eccetera, dan ma jirrizultax ippruvat. L-intimat kull sena jmur lura fil-pajjiz tal-origini tieghu ghal xi zmien u imbaghad jigi lura. Tant huwa hekk li bint ir-rikorrenti mistoqsija l-intimat tax lura c-cavetta tal-fond fl-ahhar ta' Dicembru 2016 hija evitat li twiegeb il-mistoqsija, izda huwa altru milli evidenti li c-cavetta ma gietx ritornata lilha.

- Ir-rikorrenti m'accettatx il-kirjiet relattivi ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2017.

- Maria Rosaria Mallia xehdet li meta l-intimat siefer huma biddlu s-serratura, li imbaghad gie sgassat waqt li l-intimat kien imsiefer li meta gie lura mar jirrisjedi fl-istess fond.

Illi l-intimat jirreferi ghall-artikolu 14 tal-Kap 158 u l-artikolu 15 tal-Kap 69 u jsostni li permezz ta' dawn iz-zewg artikoli fil-kaz ta' kirjiet protetti, il-legizlatur ried jassigura li kwalunkwe tibdiliet fil-kundizzjonijiet tal-kirjiet ghandhom ikunu mharsa u decizi mill-Bord li Jirregola l-Kera u dan bil-ghan li jkunu salvagwardjati l-interessi socjali u finanzjarji tal-kerrej.

Wara li qies il-provi prodotti dwar il-kirja in ezami, partikolarment il-kuntratt tal-kiri tal-fond dekontrollat mertu tal-kawza, il-Bord jirrileva li t-tigdid ta' din il-kirja mhux regolat bl-**artikolu 3** tal-<u>Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini</u> (Kap. 69). Il-kirja hija regolata bil-Kapitlu 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana ghaliex il-kuncett tad-dekontroll, kif jindika l-isem innifsu, kien introdott appuntu sabiex jintroduci regim gdid li bih djar ta' abitazzjoni ma jkunux soggetti ghad-dritt ta' rilokazzjoni, minghajr tmiem, favur kull persuna li tissodisfa d-definizzjoni ta' 'kerrej' fl-Ordinanza msemmija (Kap. 69). Filfatt, l-**art. 5(1)** tal-<u>Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar</u> (Kap. 158) jipprovdi hekk:

*5.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 6,* ***id-disposizzjonijiet tal-Ordinanzi dwar il-Kera ma għandhom jgħoddu għal ebda dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll mill-ġurnata li fiha d-dar tkun reġistrata skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3****.*[7]

Skond dan il-paragrafu, l-obbligu mpost fuq is-sid lokatur, bl-**art. 3** tal-Kap. 69, li ma jirrifjutax li jgedded il-kirja fi tmiem iz-zmien originali tal-kirja, jew kwalunkwe tigdid sussegwenti – sew jekk bi ftehim, inkella b'effett tal-ligi – jekk mhux bil-permess moghti minn qabel minn dan il-Bord, mhux applikabbli ghall-kirja in ezami.

Dan ma jfissirx pero', lanqas li hekk kif jippretendu r-rikorrenti li din il-kirja moghtija minnha lill-intimat, li meta krietlu ma kienx cittadin ta' Malta, mhix protetta bil-ligijiet specjali tal-kiri, u li ghalhekk tista' ttemm din il-kirja kif ippruvat taghmel.

Il-kwistjoni f'dan il-kaz hija li ladarba l-intimat accetta u ffirma li kien se jitlaq mill-fond ghandu jsegwi li huwa ta l-kunsens tieghu sabiex il-kirja tigi terminata w ghalhekk ghandu jizgombra mill-fond?

L-abbli difensur tal-intimat jargumenta li r-risposta ghal tali mistoqsija ghandha tkun fin-negattiv tant li eccepixxa fl-ewwel eccezzjoni li l-iskrittura li abbazi taghha r-rikorrenti qed tippretendi li l-kirja hija mitmuma hija nulla u bla effett u dan abbazi tal-artikolu 14 tal-Kap 158 li testwalment jipprovdi:

*14(1) Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u b'mod partikolari, izda bla hsara ghall-generalita' tal-imsemmija espressjoni, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 5,7, 12 u 13, ghandu jkollhom effett minkejja kull ftehim, obbligazzjoni, weghda jew ghemil jew hag'ohra li hi kuntrarja ghal, jew li tillimita, jew li tkun tidher li tillimita, xi wiehed mill-jeddijiet moghtija b'dawk id-disposizzjonijiet lill-kerrej, enfitewta jew okkupant ta' dar ta' abitazzjoni, u meta persuna li tezercita xi wiehed mill-imsemmija jeddijiet issir, bis-sahha ta' xi ftehim, obbligazzjoni, weghda jew ghemil jew haga ohra bhal dik, suggetta li tehel xi penali jew obbligu iehor jew xi konsegwenza ohra jew effett iehor, kull ftehim,*

[7] Enfasi tal-Bord

*obbligazzjoni, weghda jew ghemil jew haga ohra tkun, sal-limiti li tipprovdi li dik il-persuna tkun hekk suggetta kif intqal qabel, nulla u minghajr effett.*

*(2) Kull rinunzja u kull restrizzjoni jew limitiazzjoni ta' xi wiehed mill-jeddijiet imsemmija fis-subartikolu (1), isiru kif isiru, u kull haga li tissuggetta xi jedd bhal dak ghal xi obbligu jew responsabbilita', tkun nulla u minghajr effett.*

Ghalhekk f'dan l-istadju se ssir referenza ghall-**art. 5(2)** tal-Kap. 158 jipprovdi li:

> *(2) Meta **fit-<u>tmiem</u> ta' kirja ta' dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll** (sew jekk dak iż-żmien **ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew xort'oħra**) il-**kerrej ikun ċittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tiegħu**, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3[8]) għandu jkollhom effett u d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandhom japplikaw ukoll iżda biss safejn dawn ma jkunux inkonsistenti mal-imsemmija disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.*

Biex japplika l-**art. 5(3)** tal-Kap. 158, u sa fejn konsistenti mieghu, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69, iridu jirrikorru s-segwenti elementi essenzjali, u b'mod kumulattiv:

(i) fond ikun dar ta' abitazzjoni dekontrollat;

(ii) il-mument ikun it-tmiem tal-kirja, liema tmiem isehh **skond ftehim**, jew b'effett tal-ligi, jew skond uzu, jew b'xi mod iehor;

(iii) f'dak il-mumemt, il-kerrej ikun cittadin ta' Malta, u jkun jokkupa l-fond imsemmi fil-(i) bhala r-residenza ordinarja tieghu.

Il-Bord qies dawn it-tlett rekwiziti fix-xenarju li ghandu quddiemu, u ma jistax jaqbel mar-rikorrenti li l-intimat invista tal-firma fuq l-iskrittura prezentata lilu ghandu jizgombra.

Jibda biex jinghad li wara li ghadda l-perjodu originarjament miftiehem, l-intimat kien ghadu mhux cittadin Malti w ghalhekk il-kirja setghet tigi terminata u dan anki wara li bdiet tiggedded minn xahar ghal xahar purche' tigi osservata l-klawzola tal-iskrittura. Infatti l-kuntratt ta' kiri

[8] Li, fost ohrajn, jispecifika meta sid il-kera jista' jirrifjuta li jgedded il-kera

kien jikkontempla – kif wara kollox kien jippermetti l-Kodici Civili dakinhar bl-**art. 1532** u **1566** – tigdid xahar b'xahar sakemm xi parti taghti avviz ta' terminazzjoni bil-miktub lill-parti l-ohra. Pero' r-rikorrenti dan m'ghamlitux f'dak il-perjodu.

Filwaqt li l-partijiet jikkonfermaw li bint ir-rikorrenti avzat lill-intimat li r-rikorrenti ma riditx tkompli tikri l-fond inkwistjoni ma jirrizultax mill-atti li dan sar bil-miktub. Fid-dokument datat 28 ta' Settembru 2016 issir referenza ghal ittra li ntbaghtet biss pero' in atti ebda ittra ma giet prezentata u l-intimat jichad li f'Marzu 2016 intbaghtet xi ittra lilu li permezz taghha inghata avviz ta' terminazzjoni kif kienet semmai obbligata li taghmel is-sid ghaliex hekk kien hemm maqbul fl-ewwel klawzola tal-iskrittura ta' lokazzjoni. Dak iz-zmien l-intimat ma kienx cittadin Maltin. Il-Bord jemmen lill-intimat meta jixhed li ma ntbaghtitlu ebda ittra izda kollox sar bil-fomm u jemmen ukoll li kieku tali ittra kienet ezistenti kienet tigi prezentata bhalma gew prezentati dokumenti ohrajn mill-istess rikorrenti.

Dan ifisser li, sal-avviz tat-terminazzjoni li tat ir-rikorrenti lill-intimat bl-ittra taghha tat-28 ta' Settembru 2016, iz-zmien tal-kiri kien ghadu regolat bil-ftehim originali ta' bejniethom datat 31 ta' Mejju 1993. F'tali ittra r-rikorrenti qeghda tindika li l-kirja kellha tigi terminata fil-31 ta' Dicembru 2016. D'altronde' din hija wahda mill-premessi fir-rikors promotur. Illi l-intimat kien cittadin Malti diga' dakinhar tat-28 ta' Settembru 2016 u kien ilu hekk sa mid-29 ta' Lulju 2016.

Hija din id-data li ghandha titqies ghall-finijiet tar-rekwiziti tal-**art. 5(3)** tal-Kap. 158, u f'din id-data jirrizulta li t-tlett rekwiziti kienu lkoll sodisfatti. B'hekk, wara tali data, bdiet tapplika ghall-intimat cittadin ta' Malta, li kien qieghed jokkupa dan il-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu, il-protezzjoni tat-tigdid tal-kiri bl-istess kera u kundizzjonijiet favur l-istess intimat moghtija lilu bis-sahha tal-**art. 5(3)** u **5(4)** tal-Kap. 158, u safejn kompatibbli maghhom, bl-**art. 3** tal-Kap. 69. Ghalhekk l-iskrittura tat-28 ta' Settembru 2016 ghandha titqies bhala wahda nulla u minghajr effett u ghalhekk ir-rinunzja min-naha tal-intimat (li mill-

ewwel wara jumejn baghat ittra legali fejn kien qieghed jindika li ma kienx fi hsiebu jizgombra) ma tistax tiswa ghall-azzjoni tar-rikorrenti.

Il-Bord jidhirlu li dan huwa konformi ma' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **James G. Gollcher vs Godfrey Zarb**[9]

*Jibda biex jigi osservat illi skond l-**Artikolu 3 tal-Kap 69** sid il-kera ma jistax jgholli l-kera minghajr il-permess tal-Bord li Jirregola l-Kera. Fl-istess Kapitolu, mbaghad, hemm mahsub bl-liema mod jista' il-Bord jawmenta dan il-kera.*

*Fil-kaz tal-**Kap 158**, invece, jinghad testwalment fis-**subinciz (1) ghall-Artikolu 5** illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu u ta' **l-artikolu 6** ta' din l-Ordinanza, d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanzi dwar il-Kera ma ghandhom jghoddu ghall-ebda dar ta' abitazzjoni mnehhija mill-kontroll mill-gurnata li fiha d-dar tkun registrata skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 3 ta' din l-Ordinanza**".*

*Issokta jinghad fis-**subinciz (2) tal-istess artikolu** illi "meta fit-tmiem ta' kirja ta' dar ta' abitazzjoni mnehhija mill-kontroll... il-kerrej ikun cittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu, id-disposizzjonijiet tas-**sub-artikolu (3)** ta' dan l-artikolu ghandu jkollhom effett u d-disposizzjonijiet ta' l-**Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini** ghandhom japplikaw ukoll izda biss safejn dawn ma jkunux inkonsistenti ma' l-imsemmija disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu".*

*Fuq is-suggett il-gurisprudenza taghna fissret dawn id-disposizzjonijiet bil-mod segwenti:-*

*"L-imsemmija kliem 'bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artiklu "juru li l-legislatur ried li l-principju li d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Kiri – jigifieri l- **Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini u l-***

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2003. Ghalkemm f'din is-sentenza il-punt li kellu jigi determinat kienet il-kwistjoni dwar awment tal-kera, ir-ragunament tal-Qorti huwa applikabbli wkoll ghall-kaz in dizamina.

***Ordinanza li Trazzan il-kera fuq id-Djar** - m'ghandhomx jghoddu ghal dar ta' abitazzjoni dekontrollata mill-gurnata li fiha tkun registrata bhala dekontrollata ma kellux japplika jekk is-subartikoli l-ohra tal-**Artikolu 5** kienu jiddisponu mod iehor. Dawn is-subartikoli kellhom jipprevalu" – **Joseph Agius et –vs- Anthony Mamo**, Appell, Sede Inferjuri, 18 ta' Frar 1986. Fiha ssokta jinghad illi "l-legislatur fis-**subartikolu (2)** ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn dar dekontrollata qabel il- kirja u dar dekontrollata wara l-kirja izda stabilixxa biss x'ghandu jigri fit-tmien ta' kirja ta' dar dekontrollata, tkun saret meta tkun saret din il-kirja".*

*Sentenza ohra li segwiet din l-enuncjazzjoni ziedet tamplifika illi "l-**artikolu tal-Kap 158** kif emendat bl-**Att XXIII ta' l-1979** ma jirregolax il-kirjiet ta' dar ta' abitazzjoni mnehhija mill-kontroll imma tirregola tali dar ta' abitazzjoni nfisha li tkun mikrija lil cittadin Malti u minnu okkupata. Il-mument rilevanti ghal-ligi allura ma baqax il-mument meta saret il-kirja, imma meta l-kirja ntemmet. Id-dekontroll sar ghal-ligi kwalita` tal-fond mehtiega biex taghti l-protezzjoni kontra l-izgombru lill-inkwilin taht regim gdid. Dana indipendentement minn meta l-istess fond gie dekontrollat jew jekk kienx hekk dekontrollat fil-bidu tal-kirja" - **Emanuel Camilleri et –vs- Philip Attard et**, Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Jannar 1996.*

Illi ghalkemm il-ligijiet tal-kiri nbidlu bl-Att XXXI tal-1995, b'effett mill-1 ta' Gunju 1995, l-**art. 16** tal-Kap. 158, introdott appuntu b'dik il-ligi, jaghmilha cara li:

> *16.(1) Id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 5(2) sa (5)**, tal-artikolu 7, tal-artikolu 10 u tal-artikolu 11 ta' din 1-Ordinanza, ma għandhomx ikunu **japplikaw għall-kiri ta' xi dar li jsir fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data**.*
>
> *(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1) -*
> *(a) **it-tigdid ta' kiri fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data (sew jekk dak it-tiġdid ikun wieħed konvenzjonali, legali, konswetudinarju jew xort'oħra) ma għandux jitqies li jkun kiri li jsir fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data***

Konsegwentement, din il-kirja li bdiet qabel l-1 ta' Gunju 1995, baqghet regolata bil-ligijiet specjali tal-kiri, inkluz l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158) u l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69), kif kienu fis-sehh meta bdiet il-kirja. Dan l-istat legali baqa' l-istess anke wara, u gie kkonfermat bid-disposizzjoni tranzitorja fl-ahhar emendi fil-ligijiet specjali tal-kiri bl-**art. 39(1)** tal-Att X tal-2009.[10] Ma zdied jew inbidel xejn fil-Kodici Civili, bl-Att X tal-2009, li jnehhi jew jibdel id-drittijiet li jvestu fl-intimat, bhala cittadin ta' Malta fi tmiem il-kirja, fuq dan il-fond kif mikri lilu, bis-sahha tal-**art. 5(2)**, **5(3)** u **5(4)** tal-Kap. 158.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, jichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez a karigu tal-istess rikorrenti.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**

[10] "Il-kirjiet li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, li jkunu għadhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010, jibqgħu jiġu regolati mil-liġijiet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, minbarra għal dak li jinsab fid-disposizzjonijiet tat-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, kif emendat b'dan l-Att kif ukoll bir-regolamenti magħmula in forza ta' l-emendi introdotti b'dan l-Att."